MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 288/2002/1

***Maltacom p.l.c.***

***vs***

***Charles u Frances konjugi Friggieri***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Frar 2002, fejn intalab li l- konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sittax-il lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm616.14c) rappresentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numri 430839 u 446370 (skond ma jirrizulta mid-Dokumenti A, B, C u D annessi ma' l-avviz).

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-P.L. Noel Scerri ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sittax-il lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm616.14c) u bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**